MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 504/2007

**Media & Graphic Services Limited (C 5390)**

**Vs**

**Destination Management Ltd u b'digriet tat-Tribunal moghti nhar id-19 ta` Novembru, 2007, l-isem is-socjeta` konvenuta irid jinqara "Travel Malta Destination Management Ltd"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Gunju, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira ekwivalenti ghal Euro 3,494, rapprezentanti bilanc ta` prezz ghal produzzjoni ta` brochure u stampar ta` l-istess.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittri legali datati 16 ta` Marzu u 4 ta` April tas-sena 2007 u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta` Awissu, 2005, d-data tal-fatturi relattivi sa l-

effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 27 ta` Lulju, 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici bhala nfondata legalment u fattwalment u dana peress illi l-produzzjoni tal-brochure u l-istampar tieghu ma kienx tal-kwalita` kif pattwita bejn l-istess partijiet.

B’riserva ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi in segwitu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tressaq eccezzjoni ulterjuri kif fil-fatt ghamlet u b’nota prezentata fit-22 ta` Jannar, 2008, is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna bit-trapass ta` 18 il-xahar u dana ai termini ta` l-artikolu 2148 (b), Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi in riassunt is-socjeta` konvenuta qed tilmenta mill-kwalita` tal-brochures mahduma mis-socjeta` attrici fuq inkarigu taghhom ghar-raguni li kien hemm xi traduzzjonijiet mhux daqstant korretti u kif ukoll li fit-traduzzjoni Franciza kien sar zball f’gurnata tal-excursion cioe` flok Mardi flok Jeudi. Rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jistqarr li huma kienu hallsu lis-socjeta` attrici tliet pagamenti akkont l-ahhar wiehed fit-12 ta` Gunju, 2006. L-odjerna azzjoni giet intavolata ftit aktar minn sena wara u kwindi certament ma ghandhiex tirrizulta l-preskrizzjoni sollevata. Dana qed jinghad apparti ghall-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta stqarr li ma kienx ser ihallas dan il-bilanc minhabba xoghol hazin u mhux ghal xi kunsiderazzjoni ohra.

Illi da parti taghha s-socjeta` attrici targumenta li dan kien it-tieni darba li huma kienu gew inkarigati jistampaw tali brochure ghas-socjeta` konvenuta peress illi huma kienu stampawlhom brochure simili u kienu thallsu tieghu minghajr ebda problemi. L-istess socjeta` tafferma li fil-brochure odjern huma kienu gew inkarigati sabiex jaghmlu t-traduzzjonijiet ta` certi silti specifici (Vide Dok. AR12 komparat mat-traduzzjonijiet AR13 sa AR16) u li l-izbalji li sabet is-socjeta` konvenuta kienu gia` ezistenti fil-brochure precedenti u hadd ma kien induna bihom u fil-fatt haddmu bihom minghajr ma irriskontraw ebda problemi (vide AR11 pagna 19). Jaffermaw inoltre li l-brochure kien gie stampat wara li kienu baghtu abbozz lis-socjeta` konvenuta ghall-approvazzjoni taghhom, liema kunsens inghata u kwindi tlesta x-xoghol Vide Dok AR17). Dan gie konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta stess in kontro-ezami, anzi rrizulta li l-abbozz tal-brochure kien gie ritornat lura lis-socjeta` attrici bl-approvazzjoni ffirmata minn ufficcjal tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici targumenta inoltre li l-brochures fil-fatt ghadhom f’idejn u taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta u ma gewx depositati l-Qorti. Dan gie konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta stess meta mistoqsi mit-Tribunal.  Jidher ukoll, anke mill-istess pagamenti akkont maghmula, li s-socjeta` konvenuta kienet resqet ghall-ewwel darba dan l-ilment taghha diversi xhur wara li kienu gew lilha konsenjati dawn il-brochures u kwindi inoltre wara diversi xhur li kienu ilhom jaghmlu uzu mill-istess brochures – u dana minghajr ma wiehed jikkunsidra l-fatt li fl-edizzjoni precedenti ta` l-istess brochures ma kien tressaq ebda ilment simili. (vide Dok AR11 pagna 19). In kontro-ezami r-rapprezentant tas-socjeta` attrici jikkonfema li l-inkarigu taghhom kien limitat biss ghal certu siltiet specifici ta` traduzzjonijiet u kwindi ma kienitx responsabbli ghal kumplament. Difatti l-kont mibghut lis-socjeta` konvenuta ghal dan l-inkarigu kien irhas mill-okkazzjoni precedenti meta gie stampat il-brochure ghall-ewwel darba mis-socjeta` attrici.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal isib illi fl-ezekuzzjoni ta` l-inkarigu moghti  meritu tal-kaz in ezami, is-socjeta` attrici pproduciet u stampat brochure ta`

kwalita tajba kif konfermat u approvat mill-istess socjeta` konvenuta. Illi jirrizulta li se mai l-izball kien sar fil-produzzjoni u stampar tal-brochure fuq l-inkarigu moghti precedentement li ma jaqax fil-meritu tal-kaz odjern. Illi fi kwalunkwe kaz irrizulta mhux biss illi dawn il-brochures baqghu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta ghall-uzu liberu taghhom  izda jigi ritenut ukoll li l-izbalji fi-traduzzjoni huma venjali tassew filwaqt li izball fil-gurnata ta` Mardi flok Jeudi apparti li okkorra fl-inkarigu precedenti, dan seta` u jista` facilment jigi korrett u certament ma jistax jigi ritenut bhala raguni gustifikata sabiex is-socjeta` konvenuta zzomm lura milli thallas ir-rimanenti bilanc in eccess ta` Lm1,500.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni, fit-tieni lok jichad ukoll l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta` konvenuta fil-meritu, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentment jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallasha s-somma rikjesta ta` Euro 3,494 gia` Lm1,500, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-31 ta` Awissu, 2005 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------